



Brussell, 17 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15215/23

**Fajl Interistituzzjonali:
2022/0074(COD)**

**EF 349
ECOFIN 1152
CODEC 2090**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru 909/2014 fir-rigward tad-dixxiplina tas-saldu, il-forniment transfruntier ta' servizzi, il-kooperazzjoni superviżorja, il-forniment ta' servizzi anċillari tat-tip bankarju u r-rekwiżiti għal depożitorji ċentrali tat-titoli ta' pajjiżi terzi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 236/2012 (I-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

1. Fis-16 ta' Marzu 2022, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta¹ tagħha lill-Kunsill, ibbażata fuq l-Artikolu 114 TFUE.
2. Il-Bank Ċentrali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-28 ta' Lulju 2022².
3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fl-14 ta' Lulju 2022³.
4. Fid-9 ta' Novembru 2023, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għalhekk għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill⁴.

¹ 7374/22 + ADD 1-3.

² ĠU C 367, 26.9.2022, p. 3.

³ ĠU C 443, 22.11.2022, p. 87.

⁴ 15014/23.

5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tidher fid-dokument PE CONS 47/23, bħala punt "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss.
6. Id-dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill jinsabu fl-Addendum għal din in-nota.
7. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv ser jiġi adottat.

Wara li jiġi ffirmat mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġislattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
